PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10275 SMFL/Yanmar/Yanmar Credit)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 205/05)

1. Fid-19 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sumitomo Mitsui Finance and Leasing Co., Ltd ("SMFL", il-Ġappun), ikkontrollata bi sħab minn Sumitomo Mitsui Financial Group, Inc. (il-Ġappun) u Sumitomo Corporation (il-Ġappun);

— Yanmar Holdings Co., Ltd ("Yanmar", il-Ġappun);

— Yanmar Credit Service Co., Ltd ("Yanmar Credit", il-Ġappun), bħalissa kkontrollata minn Yanmar.

SMFL u Yanmar jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Yanmar Credit.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SMFL toffri varjetà ta' servizzi ta' finanzjament lill-klijenti tagħha. In-negozju ewlieni tagħha huwa l-forniment ta' servizzi ta' kiri (kiri finanzjarju u kiri operattiv), servizzi ta' kiri u servizzi ta' bejgħ ta' installazzjoni;

— Yanmar hija attiva fil-bejgħ ta' magni użati f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, sistemi tal-enerġija u ġeneraturi kif ukoll makkinarju agrikolu, tagħmir kumpatt tal-kostruzzjoni, komponenti u dgħajjes;

— Yanmar Credit toffri servizzi ta' finanzjament fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10275 - SMFL/Yanmar/Yanmar Credit

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË